

MT

B'XEJN

# ŻUR IL- PARLAMENT EWROPEW

BRUSSELL

EJJA U HU SEHEM INT UKOLL!

#visitEP



## 1. PARLAMENTARIUM

Iċ-ċentru tal-viżitaturi  
tal-Parlament Ewropew



## 2. ŻJARAT FL-EMİĊIKLU

Il-qalba tal-Parlament  
Ewropew




## 3. DAR L-ISTORJA EWROPEA

Mużew dwar il-passat  
komuni tal-Ewropa



## 4. INFO HUB

Forum għad-diskussjoni  
u t-tagħlim dwar il-Parlament  
u l-Unjoni Ewropea




## 5. SAKHAROV WALK OF FREEDOM

Iddedikata għad-difensuri  
tal-libertà tal-ħsieb



## 6. ĠNIEN IĊ-ĊITTADINI

Oażi ħadra



QA-01-26-005-MT-N ISBN 978-92-848-3363-4 doi:10.2861/4985542

✉ [visit@europarl.europa.eu](mailto:visit@europarl.europa.eu)

🌐 <https://visiting.europarl.europa.eu/mt>

📘 @visiteuropeanparliament

📷 @visit\_EP

C. Slomp © urban brussels

Merħba fil-

# PARLAMENT EWROPEW

Merħba fil-Parlament Ewropew, istituzzjoni li hi l-qalba tad-demokrazija fl-Unjoni Ewropea, u li tirrappreżenta 450 miljun ruħ. Is-sede uffiċjali tal-Parlament Ewropew tinsab fi Strażburgu, fi Franza, iżda ħafna mill-ħidma tiegħu ssir fi Brussell.

Hemm ħafna x'tara, u żjara lill-Emiċiklu u liċ-ċentru tal-viżitaturi tal-Parlamentarium tispjegalek kif jaħdem il-Parlament Ewropew u x'jagħmel għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

Sabiex nifhmu lill-Unjoni Ewropea kif inhi llum, jeħtieġ li mmorru lura fiż-żmien u nsiru konxji mill-passat tal-Ewropa fuq livell aktar wiesa', u Dar l-Istorja Ewropea toffri perspettiva unika tal-istorja komuni tal-Ewropa.

L-attivitajiet kollha huma bla ħlas u l-biċċa l-kbira minnhom huma disponibbli b'kull waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-dettalji tal-attivitajiet kollha jinstabu fuq is-sit web tal-viżitaturi tal-Parlament Ewropew.

Esperjenza l-

## PARLAMENTARIUM

Żur il-Parlamentarium u skopri l-Parlament Ewropew! Esplora l-attrazzjonijiet ewlenin tiegħu: ċinema panoramika, preżentazzjoni diġitali tal-Membri kollha tal-Parlament Ewropew u mappa interattiva tal-art. Tgħallem dwar wieħed mill-akbar Parlamenti eletti direttament fid-dinja u idħol fl-istorja tal-integrazzjoni Ewropea. Skopri x'hemm mistenni għall-futur tal-Unjoni Ewropea, u ara kif jittieħdu d-deċiżjonijiet u kif dawn jinfluwenzaw il-ħajja tiegħek ta' kuljum.

Il-wirja hija disponibbli bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE, u l-viżitaturi ta' kull età merħba bihom. Liċ-ċentru tal-viżitaturi huwa aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għal dawk b'diżabbiltà fis-smiġ jew fil-vista. Il-viżitaturi jistgħu jżuru l-post mingħajr il-bżonn ta' gwida, u żjara medja tiegħu madwar siegħa u nofs. Il-Logħba tar-Rwoli tal-Parlamentarium tippermetti lill-viżitaturi jilbsu l-liba tal-Membri tal-Parlament Ewropew. Hija disponibbli għal gruppi ta' viżitaturi li għandhom 14-il sena jew aktar.

Il-bookings għall-Parlamentarium u l-Logħba tar-Rwoli huma obbligatorji u jridu jsiru minn qabel fuq il-paġna tal-"viżitaturi" tas-sit web tal-Parlament Ewropew.



🕒 90 minuta

🌐 [Logħba tar-rwoli u →](https://brussels-rpg.booking.europarl.europa.eu/mt)  
[brussels-rpg.booking.europarl.europa.eu/mt](https://brussels-rpg.booking.europarl.europa.eu/mt)  
u [bookings għal gruppi](https://bookings.għal-gruppi.brussels-parlamentarium.booking.europarl.europa.eu/mt)  
[brussels-parlamentarium.booking.europarl.europa.eu/mt](https://bookings.għal-gruppi.brussels-parlamentarium.booking.europarl.europa.eu/mt)

🕒 It-Tnejn	13:00–18:00
🕒 Mit-Tlieta sal-Ġimgħa	9:00–18:00
🕒 Is-Sibt u l-Ħadd	10:00–18:00

Il-viżitaturi jistgħu jidħlu sa nofs siegħa qabel il-ħin tal-għeluq. **Magħluq** fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' Mejju, fl-1 ta' Novembru u fl-24, il-25 u l-31 ta' Diċembru.



Skopri l-

## EMIĊIKLU

Żjara fl-Emiċiklu hija mod tajjeb ħafna biex tiffamiljarizza ruħek dwar x'jiġri fil-Parlament Ewropew. Idħol fl-atmosfera parlamentari, esperjenza kif il-Membri tal-Parlament Ewropew jaħdmu u, jekk tagħmel iż-żjara waqt seduta plenarja, ara kif tiġi diskussa l-liġi Ewropea.

L-individwi jistgħu jżuru bil-pass tagħhom bi gwida multimedjali b'diversi lingwi. Jista' jkun hemm ukoll kelliema interessanti li jipprovdu spjegi fid-dettall f'laqgħat li jsiru darba fil-ġimgħa (nhar ta' Tnejn fil-11:00 u fit-15:00 bl-Ingliż jew bil-Franċiż; lingwi oħra jiġu offruti jekk ikunu disponibbli). Jeħtieġ li tibbukkja.

Il-gruppi jintlaqgħu fil-Parlament Ewropew mill-persunal tagħna, bil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea. Fil-programm imfassal apposta, issir żjara fl-Emiċiklu kif ukoll laqgħa interattiva ta' aġġornament u mimlija informazzjoni. Jekk jogħġbok ibbukkja online 3 xhur minn qabel; jistgħu jiġu diskussa suġġetti li jinteressaw jekk tindikahom meta tkun qed tibbukkja.



🕒 Żjara individwali → 60 minuta  
Żjara fi grupp → 90 minuta

🌐 [Informazzjoni u bookings →](https://visiting.europarl.europa.eu/mt)  
<https://visiting.europarl.europa.eu/mt>

🕒 Żjarat individwali bi gwida multimedjali

Mit-Tnejn sal-Ħamis	9:00–16:30
Il-Ġimgħa	9:00–12:30
Is-Sibt u l-Ħadd	Magħluq

Il-viżitaturi jistgħu jidħlu sa nofs siegħa qabel il-ħin tal-għeluq.



Esplora

## DAR L-ISTORJA EWROPEA

Dar l-Istorja Ewropea, li tinsab f'Park Leopold, hija l-uniku mużew fid-dinja li juri l-istorja vasta tal-Ewropa, minn diversi perspettivi. Il-mużew, li oriġinarjament inbena fl-1935 b'ħala klinika dentali għat-tfal żvantaġġati, illum jistiednek tmur lil hinn mill-istorja nazzjonali tiegħek u tagħmel vjaġġ li jqanqal il-ħsieb permezz tal-avvenimenti u l-fenomeni ewlenin li għaqqdu u qasmu l-Ewropej fis-seklu 19 u 20.

Ingħaqad mal-passat tal-Ewropa, ifhem il-preżent u staqsi dwar il-futur tagħha permezz ta' oġġetti, installazzjonijiet interattivi, filmati storiċi u spazji fejn tirrifletti bil-kwiet dwar il-wirt komuni tal-kontinent.

Il-mużew huwa adattat għall-familja kollha u fih bosta spazji ta' skoperta għat-tfal fil-ħames sulari kollha tal-wirja permanenti.



🕒 90 minuta

🌐 [Informazzjoni u bookings għal gruppi →](https://historia.europa.eu/mt)  
<https://historia.europa.eu/mt>

🕒 It-Tnejn	13:00–21:00
🕒 Mit-Tlieta sal-Ġimgħa	9:00–18:00
🕒 Is-Sibt u l-Ħadd	10:00–18:00

Il-viżitaturi jistgħu jidħlu sa nofs siegħa qabel il-ħin tal-għeluq. **Magħluq** fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' Mejju, fl-1 ta' Novembru u fl-24, il-25 u l-31 ta' Diċembru.



Kompli

## L-ISKOPERTA TIEGĦEK FL-INFO HUB

L-Info Hub, li jinsab fl-Esplanade Solidarność 1980, jistiednek tistaqsi l-mistoqsijiet tiegħek, tattendi regolarment taħditiet ta' politika u avvenimenti tas-soċjetà ċivili, tesplora materjal ta' riċerka b'aċċess miftuħ u tisfida l-ħsieb tiegħek permezz ta' wirjiet temporanji. Il-Faċilità toffri ambjent konvivjali li fih tista' tiskopri x'tagħmel għalik l-Unjoni Ewropea billi tikkonsulta materjal ta' studju għad-dispożizzjoni tiegħek, inkluż kontenut multimedjali disponibbli fuq skrins interattivi.

**Kun ċert li ma titlifx:**

• **Is-Sakharov Walk of Freedom** – tgħallem dwar il-Premju Sakharov għal-Libertà tal-ħsieb.

• **Il-Ġnien taċ-Ċittadini** – ħu pawża biex tirrilassa f'oażi ħadra serena.

• Jekk qed tivvaġġa, **il-wirjiet multimedjali Europa Experience** fl-Ewropa kollha jipprovdu għarfien dwar kif il-Parlament Ewropew jindirizza l-aktar sfidi importanti li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea.

✉ **Informazzjoni ġenerali →**  
<https://visiting.europarl.europa.eu/mt/visitor-offer/brussels/info-hub>  
info-hub@europarl.europa.eu

🕒 Mit-Tnejn sal-Ġimgħa	9:00–18:00
------------------------	------------

**Magħluq** fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' Mejju, fl-1 ta' Novembru u fl-24, il-25 u l-31 ta' Diċembru.



• Mill-kumdità ta' darek stess, agħti ħarsa lejn **il-Vjaġġ Diġitali lejn il-Parlament Ewropew** li huwa esperjenza online immersiva fejn tista' tesplora t-tweġġ tad-demokrazija tagħna kull meta tixtieq: <https://visiting.europarl.europa.eu/mt>

## INFORMAZZJONI PRATTIKA

**Parlament Ewropew**

Place du Luxembourg/Luxemburgplein 100  
1050 Bruxelles / Brussel – Il-Belġju

